

L-Erbgħa, 22 ta' April 2009

Is-suq intern fil-qasam tal-elettriku ***II

P6_TA(2009)0241

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2009 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (14539/2/2008 – C6-0024/2009 – 2007/0195(COD))

(2010/C 184 E/47)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (14539/2/2008 - C6-0024/2009),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2007)0528),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251 (2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra r-Regola 62 tar-Regoli tiegħu ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0216/2009),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Testi adottati tat-18.6.2008, P6_TA(2008)0294.

P6_TC2-COD(2007)0195

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-22 ta' April 2009 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2009/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE

(Peress li ntlaħaq fiehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2009/72/KE.)